


# Eionet jgħaqqad



# L-oriġini u l-istruttura ta' Eionet


## Il-missjoni ta' Eionet

In-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni dwar l-ambjent (Eionet) għandu l-għan li jipprovi tagħrif f'waqt u ta' kwalità assigurata, informazzjoni u kompetenza biex ikun evalwat l-istat ta' l-ambjent fl-Ewropa u l-fatturi li qed jaffettwaw. Dan jippermetti lil dawk li jifformulaw il-politika sabiex jiddeċiedu fuq miżuri adattati biex jipproteġu l-ambjent fuq livell Ewropew u dak nazzjonali u biex josservaw l-effikaċċja tal-politika u l-miżuri li jkunu ġew implimentati.



- Eionet hu *network* li jgħaqquad l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (EEA) u l-pajjiżi membri tagħha u l-pajjiżi li qed jipparteċipaw. Jikkonsisti fl-EEA nfiska, numru ta' ċentri Tematiċi Ewropej (*European topic centres*) (ETCs) u *network* ta' madwar 900 espert minn 37 pajjiż fi ħdan aktar minn 300 aġenzija nazzjonali ta' l-ambjent u organi oħrajin li għandhom x'jaqsmu mat-tagħrif dwar l-ambjent. Dawn huma l-punti fokali nazzjonali (*national focal points*) (NFPs) u c-ċentri nazzjonali ta' referenza (*national reference centres*) (NRCs).

Is-shubja f'Eionet hi kruċjali għall-EEA biex tappoġġja l-ġbir u l-organizzazzjoni tat-tagħrif u l-iżvilupp u t-tixrid ta' l-informazzjoni. L-infrastruttura tat-teknoloġija ta' l-informatika (xi kultant magħrufa bħala e-Eionet) tappoġġja l-organizzazzjonijiet u l-individwi fin-network. Dan il-fuljett jiddeskrivi l-istruttura, il-metodi ta' l-ħidma, ir-riżultati miksuba u l-attivitajiet futuri ta' l-Eionet.



# L-oriġini u l-istruttura ta' Eionet

## Eionet kiber hekk kif l-EEA tkabbret

Eionet ġie mwaqqaf fl-1994 u sar fornitur magħruf ta' informazzjoni ta' kwalità għolja u ta' informazzjoni dwar l-istat ta' l-ambjent Ewropew u l-fatturi u l-forzi li qed jaġixxu fuqu. Hekk kif in-numru tal-pajjiżi membri ta' l-EEA kiber, hekk ukoll kiber l-Eionet.

Fl-1994, l-EEA kellha 18-il pajjiż membru u l-Eionet kien jikkonsisti fi 15-il Stat Membru ta' l-UE: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franzja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit u tliet pajjiżi fīż-żona Ewropea ta' Kummerċ Ħieles: l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

Fl-1996, l-10 pajjiżi kandidati għall-UE fl-Ewropa ċentrali u dik tal-Lvant: il-Bulgarija, ir-Repubblika čeka, l-Estonja, l-Ungernja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja, impenjaw ruħhom fl-aktivitajiet ta' l-EEA u bdew jiżviluppaw in-networks nazzjonali tagħhom. ħafna minnhom ingħaqdu ma' l-EEA f'Jannar ta' l-2002 flimkien ma' pajjiżi interessati oħra, bħal ċipru, Malta u t-Turkija. Sas-sena 2003, dawn kollha kienu membri ta' l-EEA u kienu involuti b'mod shiħi fl-Eionet, u b'hekk it-total ta' pajjiżi membri tela' għal 31. L-EEA kienet l-ewwel organu ta' l-UE li fetaħ il-bibien tiegħu għal pajjiżi li


kienu se jsiru membri u dawk kandidati għall-ihubija. Issa, l-Isvizzera, l-Albanija, il-Bosnja u Herzegovina, il-Kroatja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja u l-Montenegro, jipparteċipaw fl-Eionet u fil-programm ta' hħidma ta' l-EEA qabel ma jsiru pajjiżi membri.

Permezz ta' Eionet, l-EEA tiġibor flimkien tagħrif dwar l-ambjent minn pajjiżi individwali u tikkonċentra fuq it-tixrid ta' tagħrif utli, li jkun ratifikat b'mod nazzjonali u li jkun ta' kwalità għolja. Dan jifforma l-bażi ta' evalwazzjonijiet ambjentali integrati u ta' l-gharfeni li qed jinxter u jsir aċċessibbli permezz tas-sit ta' l-Internet ta' l-EEA. Din l-informazzjoni tgħin billi tappoġġja l-proċess ta' tmexxija tas-sistema ambjentali, it-tfassil u l-evalwazzjoni ta' politika dwar l-ambjent, u l-parteċipazzjoni pubblika fuq il-livelli nazzjonali, Ewropej u globali.

# L-oriġini u l-istruttura ta' Eionet

## Ċentru tematiku Ewropew (ETC)

Konsorzu ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi membri ta' I-EEA b'kompetenza f'qasam speċifiku ambjentali u mogħtija kuntratt mill-EEA biex jappoġġjaw il-programm ta' ħidma ta' I-EEA.



Ċentri tematiċi Ewropej (ETCs) huma ċentri ta' kompetenza tematika li jingħataw kuntratt mill-EEA biex iwettqu xogħliji speċifiċi identifikati fl-istratēġija ta' I-EEA (programm ta' ħidma ta' ħames snin) u l-pjanijiet annwali tat-tmexxija. Huma jiġu magħżula mill-bord tat-tmexxija ta' I-EEA permezz ta' selezzjoni kompetittiva minn madwar I-Ewropa kollha u jaħdmu bħala estensjoni ta' l-oqsma tematiki speċifiki ta' I-EEA. Kull ETC jikkonsisti minn organizzazzjoni li tmexxi u organizzazzjonijiet speċjalisti msieħba, mill-komunità tar-riċerka u tat-tagħrif ambjentali, li jgħaqqu r-riżorsi tagħhom fil-qasam partikulari tagħhom ta' kompetenza.

L-ETCs, bil-ħidma tagħhom flimkien ma' pajjiżi membri u pajjiżi li qed jipparteċipaw, jiffaċilitaw it-tixrid ta' tagħrif u informazzjoni mill-pajjiżi u jipprovdu rapporti u servizzi oħrajn lill-EEA u l-Eionet.

Bħalissa hemm īħames ETCs li jkopru l-arja u t-tibdil tal-klima, l-ilma, l-ambjent terrestri, il-produzzjoni ta' l-iskart u tal-materjal, u l-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità. Post l-aħħar tnejn ser jittieħed minn ETCs dwar l-immaniġġjar tar-riżorsi u ta' l-iskart u dwar il-bijodiversità rispettivament, fl-2005.

# L-oriġini u l-istruttura ta' Eionet

## Punt fokali nazzjonali (NFP)

Espert jew grupp ta' esperti fl-organizzazzjonijiet nazzjonali ambientali nominati u ffinanzjati mill-pajjiż u awtorizzati biex ikunu l-punt prinċipali ta' kuntatt għall-EAA. L-NFP jikkoordina n-network nazzjonali li jikkonsisti f'diversi ċentri nazzjonali ta' referenza (NRCs) biex jappoġġja l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma ta' l-EEA.

➤ L-NFPs huma l-punti prinċipali ta' kuntatt għall-EEA fil-pajjiżi membri. Huma responsabbi mill-kooperazzjoni ma' l-EEA u ma' l-ETCs u jorganizzaw il-koordinazzjoni nazzjonali ta' l-attivitàajiet marbuta ma' l-istratgeġja ta' l-EEA. Il-metodi ta' ħidma jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor. Dan jirrifletti parzjalment in-natura differenti tas-sistemi ambientali nazzjonali li fihom huma bbażati. Per eżempju, xi NFPs huma fi ħdan aġenziji ambientali, oħrajin huma parti mill-Ministeru ta' l-ambjent; xi ftit huma fi ħdan amministrazzjonijiet ċentralizzati nazzjonali, filwaqt li oħrajn joperaw f'sistemi deċentralizzati, u xi kultant federali.

L-NFPs jieħdu ħsieb u jiżviluppow in-network nazzjonali, jiffaċilitaw u jikkoordinaw il-kuntratti, it-talbiet u l-fornimenti bejn il-livell nazzjonali u dak ta' l-UE. Barra minn hekk, huma jaġixxu bħala konsulenti għall-membri tal-bord tat-tmexxija ta' l-EEA tagħhom u jiżviluppow kuntatti ma' networks rilevanti oħrajn bħall-Eurostat. Biex jippromwovu pubblikazzjonijiet prinċipali ta' l-EEA, ħafna NFPs jorganizzaw avvenimenti ta' proklamazzjoni ta' kwistjonijiet ġodda u joħorġu stqarrijiet għall-istampa.



# L-oriġini u l-istruttura ta' Eionet

## Mid-djarju ta' I-NFP ġermaniż:

- \* NFP 2005
  - Integrate workload → consultation with few NCPs to decrease workload?  
NCP should be informed about the consultation process!  
(not only for answer but also learning!)
  - good structure, approach
    - What are resources?
    - Tasks for NCP
    - Written...

It-Tnejn	Nirċievu l-karti għal-laqgħa tal-NFP/Eionet fi Frar Nidentifikaw NRCs rilevanti u esperti oħrajn għall-input Inqassmu abbozzi għall-kummenti: Pjan annwali tat-tmexxija ta' I-EEA/politika tat-traduzzjoni ta' I-EEA/proposta għar-reviżjoni ta' l-istruttura ta' I-Eionet
It-Tlieta	Infakkru lill-NRC dwar il-Kwalità ta' I-Arja: ir-rapport ta' kull xahar dwar l-ożonu wasal biex jintbagħħat! <i>Upload għaċ-Ċirċa: tagħrif dwar il-proġett nazzjonali tas-CLC</i> Kontroll tal-kwalità: traduzzjoni tar-rapport annwali ta' I-EEA Stedina mill-ETC Ambjent Terrestri ( <i>ETC Terrestrial Environment</i> ) għall-workshop annwali ta' I-Eionet. Ibgħat lil NRC Land Cover, iċċekkja nhar it-Tnejn
l-Erbgħa	Nirċievu l-abbozz tar-rapport ta' I-EEA dwar l-enerġija Ibgħat id-dokument lill-NRC Enerġija ( <i>NRC Energy</i> ) għall-kummenti — fakkar sabiex tiġi ċċekkjata l-korrettezza tat-tagħrif nazzjonali Ipprepara għal-laqgħa nazzjonali ta' I-Eionet: stedinet, aġenda, post, budget Ċempel lill-NFP tan-Norveġja, tal-Bulgarija u ta' l-Olanda biex tiddiskuti r-reviżjoni ta' l-istruttura ta' I-Eionet
Il-ħamis	ETC Skart ( <i>ETC Waste</i> ): Itlob għal tagħrif dwar il-politika u miżuri nazzjonali. Identifika sors ta' tagħrif Feedback mill-NRC Ilma ( <i>NRC Water</i> ) u NRC Natura ( <i>NRC Nature</i> ) għal-laqgħa ta' I-NFP/Eionet. L-ebda kummenti mill-NRC Emissionijiet ta' I-Arja ( <i>NRC Air Emissions</i> ) (fakkarhom il-ġimġha d-dieħla!) Aghħmel sommarju tal-kummenti tal-pajjiżi dwar l-abbozz tar-Rapport tas-Sinjal ta' I-EEA ( <i>EEA Signals Report</i> )
Il-ġimġha	Informa lill-membru tal-bord tat-tmexxija/tat-tmexxija superjuri bil-prestazzjoni tal-pajjiż fuq il-flussi ta' tagħrif prioritarji ta' I-Eionet Ipprepara rapport tal-progress għall-membru tal-bord tat-tmexxija biex taġġornah għal-laqgħa ta' I-EEA li ġejja


# L-oriġini u l-istruttura ta' Eionet

## Ċentri nazzjonali ta' referenza (NRCs)

Espert jew grupp ta' esperti f'organizzazzjonijiet nazzjonali ambjentali rilevanti nominati u megħjuna finanzjarment mill-pajjiż biex jaħdnu ma' l-EEA u ma' ċentri tematiki Ewropej f'oqsma ambjentali speċifċi marbuta mal-programm ta' ħidma ta' l-EEA.



➤ Ċentri nazzjonali ta' referenza (NRCs) huma nominati mill-pajjiżi membri. Dawn huma esperti jew gruppi ta' esperti f'organizzazzjonijiet, iffinanzjati b'mod nazzjonali u responsabbi mill-ġbir jew mill-forniment regolari ta' tagħrif ambjentali fuq livell nazzjonali u/jew li jkollhom għarfien rilevanti dwar kwistjonijiet ambjentali varji, osservazzjoni jew immudellar. L-NRCs huma stabbiliti f'oqsma speċifċi ta' attivitā ambjentali, per eżempju: il-kwalità ta' l-arja, tibdil tal-klima, kwalità tax-xmajar, ġenerazzjoni ta' l-iskart, bijodiversità, enerġija u ħafna oħrajn. Huma għandhom rwol fil-koordinazzjoni teknika ta' dawn it-temi u jaħdnu ma' l-EEA u ma' l-ETCs rilevanti. L-istruttura ta' l-NRC tvarja skond il-ħtiġijiet u l-prioritajiet ta' l-istratēġija ta' l-EEA.



# Eionet — storja ta' suċċess

Il-grupp ta' I-Eionet jikkonsisti f'NFPs, maniġers ta' I-ETC, rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u ġaddiema rilevanti ta' I-EEA, u jiltaqa' tliet darbiet fis-sena b'madwar 70–80 parteċipant. Ir-riżultati ta' dawn id-diskussionijiet jingħataw f'laqgħat tal-bord tat-tmexxija ta' I-EEA, li wkoll isiru minn darbejn sa tliet darbiet f'sena, u b'dan il-mod jgħinu wkoll fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell politiku.

Kull ETC jistieden regolarment lill-NRCs rilevanti għall-workshops ta' I-Eionet fejn huma jippreżentaw ir-riżultati ta' I-attivitàajiet tagħhom u jiddiskut u jiftieħmu mar-rappreżentanti tal-pajjiżi dwar il-mod kif ser jimxu 'l quddiem. Dawn il-workshops jgħinu biex imantnu u jsaħħu kuntatti tajbin bejn I-ETCs u I-NRCs u bejn il-pajjiżi nfushom.



# Eionet — storja ta' suċċess



on strategy implementation  
during the period of  
February '04 - February '05

▶ Ibbażat fuq l-input mill-imsieħba ta' I-Eionet, I-EEA identifikat sett ta' flussi ta' tagħrif annwali prioritarji. Dan it-tagħrif, li bħalissa qed jinġabar fl-oqsma tal-kwalità ta' l-arja, emissjonijiet ta' l-arja, ilmijiet ġewwiena, ilmijiet tal-ħażira u dawk tal-kosta, ħamrija kontaminata, konservazzjoni tan-natura u kopertura ta' l-art, jiġi użat sabiex jaġġorna s-sett ċentrali ta' indikaturi ambientali li jiffurmaw il-bażi tar-rapporti u ta' l-evalwazzjonijiet. Rapport annwali tal-progress jiġi prodott mill-EEA dwar il-prestazzjoni tal-pajjiż fil-forniment ta' din l-informazzjoni. Dan l-eżerċizzju jipprovdha għodda utli biex isir benchmark tal-prestazzjoni tal-pajjiż u biex jinkoraġġixxi lill-pajjiż kollha biex itejbu r-rispons tagħhom. It-tagħrif u l-informazzjoni li kienu digħà ġew irrapportati mill-pajjiż fil-qafas ta' I-UE jew ta' obbligazzjonijiet internazzjonali, jintużaw, kemm jista' jkun possibbli mill-Eionet. Dan ifisser li t-tagħrif li jinġabar darba fuq livell nazzjonali jista' jintuża għal għanijiet diversi fuq livell nazzjonali, ta' I-UE u dak internazzjonali.

Jeħtieġ li jkun hemm sforz komuni Ewropew biex tingħata tweġiba għall-problemi ambientali. Eionet kellu sehem importanti biex din il-kooperazzjoni setgħet titwettaq. Eionet ikopri parti kbira mill-Ewropa u għaddha minn 10 snin ta' żvilupp u sostenibbiltà.

In-network jgħaqquad I-aħjar kompetenzi nazzjonali disponibbli dwar kwistjonijiet ambientali ma' dawk li jifformulaw l-politika fuq livelli nazzjonali u Ewropej.

# Eionet — storja ta' suċċess



► Eżempju ta' kif I-EEA kienet kapaċi tippubblika l-ewwel rapport tematiku bbażat fuq l-indikaturi, dwar l-istat u l-fatturi li għandhom impatt fuq l-ambjent Ewropew. *L-ilma ta' l-Ewropa: evalwazzjoni bbażata fuq l-indikaturi fl-2003:*

- F'Settembru ta' l-2002, I-EEA talbet l-aġġornament annwali tal-flussi ta' tagħrif prioritarji dwar l-ilma mill-NFPs u mill-NRCs speċjalizzati fl-ilma f'37 pajjiż;
- Settembru-Diċembru 2002, I-NRCs bagħtu t-tagħrif tagħhom b'mod elettroniku liċ-ċentru ta' ġbir ta' tagħrif ta' l-EEA;
- Jannar-April 2003, I-ETC Ilma wettaq verifika essenzjali tal-kwalità f'koperazzjoni ma' l-NRCs u jibgħat it-tagħrif ratifikat lill-EEA biex tagħmel uploading fid-database li tinsab fuq l-Internet, Waterbase;
- April-Ġunju 2003, ETC Ilma juża d-data, flimkien ma' data minn sorsi Ewropej oħrajin, biex taġġonna l-fact sheets ta' l-indikaturi li se jintużaw fir-rapport ta' l-indikaturi ta' l-ilma;
- Lulju 2003, ETC Ilma u esperti ta' l-EEA jaqblu dwar l-abbozz finali tar-rapport u jqassmu lill-pajjiżi permezz ta' l-Eionet elettroniku (e-Eionet) għall-kummenti u r-ratifika;
- Settembru-Ottubru 2003, I-EEA u ETC Ilma jiproduċu l-verżjoni finali u l-EEA tibagħtu lill-pubblikatur;
- Novembru 2003, ir-rapport jiġi ppublikat billi jkun stampat u mtella' fuq is-sit ta' l-Internet ta' l-EEA, u jkunu attivati l-proċeduri pubbliċtarji.

# Eionet – storja ta' suċċess



➤ Il-pajjiżi bbenefikaw mill-iskambju ta' pariri, kompetenzi u esperjenza fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet nazzjonali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġbir u l-immaniġġjar tat-tagħrif u fil-produzzjoni u t-tixrid ta' tagħrif dwar politika rilevanti.

L-ETCs stabbiliti jkopru t-temi ambjentali prinċipali, u l-inklużjoni tagħhom fl-Eionet issaħħaħ ir-rabtiet bejn il-pajjiżi u l-EEA.

Il-komunikazzjoni estensiva bejn I-NRCs u l-ETCs tejjbet il-kwalità tad-data fil-livelli nazzjonali u dawk Ewropej u, għal ħafna pajjiżi, għenet biex issaħħaħ il-kapaċitajiet fis-sistemi eżistenti ta' l-immonitorjar. Għal Stati Membri ġodda ta' l-UE, is-sħubija bikrija fl-EEA u fl-Eionet għenet sabiex tgħollxi l-profil ta' kwistjonijiet ambjentali u influenzat in-natura u l-firxa ta' sistemi ta' mmonitorjar nazzjonali.

It-tagħrif li l-pajjiżi huma obbligati li jirrapportaw lil-livell Ewropew jingħabru u jiġu analizzati b'mod trasparenti mill-EEA u mill-ETCs biex jagħtu stampa ċara ta' l-istat ta', u l-fatturi li għandhom effett fuq l-ambjent Ewropew. B'dan il-mod, isir possibbi wkoll li jsir benchmark tal-prestazzjoni ambjentali tal-pajjiżi. Ma' dan, il-pajjiżi membri ta' l-EEA huma mħeġġa li jiżviluppaw n-networks nazzjonali tagħhom b'tali mod li jiżguraw kompatibilità ma' l-UE u mal-ħtiġijiet tar-rappurtaġġ internazzjonali.

# Eionet fil-futur



Il-ħtiġijiet għat-tagħrif ambjentali qed jevolvu. Maħsuba fil-bidu li tiprovd tagħrif u informazzjoni dwar l-ambjent, I-EEA illum hi impenjata b'mod sħiħ mal-Parlament Ewropew, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-pajjiżi membri tagħha, mhux biss biex tirrapporta fuq l-istat ta'

l-ambjent, iżda wkoll fuq il-prospetti għall-ambjent u l-effikaċja tal-politika prinċipali ambjentali u settorjali. Matul il-ħames snin li ġejjin, I-EEA u I-Eionet ser ikabbru l-attivitajiet tagħhom biex jappoġġjaw varjetà ta' proċessi ta' politika.

L-EEA u I-Eionet jaħdmu madwar erba' oqsma tematiki ewlenin b'appoġġ dirett tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali ta' I-Unjoni Ewropea. Dawn huma:

- li tkun meqjusa l-problema tat-tibdil tal-klima;
- li tkun meqjusa l-problema tat-telf tal-bijodiversità u li jkun hemm għarfien tat-tibdil ta' l-ispazju li qed iseħħi fl-ambjent;
- li jiġu protetti s-sahħha tal-bniedem u l-kwalità tal-ħajja;
- l-użu sostenibbli u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali u ta' l-iskart.

Kull waħda minn dawn hi influwenzata minn attivitajiet settorjali li jeħtieġu li jiġu kkunsidrati wkoll, per eżempju, l-agrikoltura, il-kimiċi, l-enerġija, it-trasport u l-ippjanar ta' l-użu ta' art. Sar progress dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali u tagħrif f'politika settorjali, b'mod partikulari t-trasport, il-ħidma fuq l-enerġija u l-agrikoltura li qeqħdin dejjem jimxu 'l quddiem.



# Eionet fil-futur

## Eionet għamel kontribuzzjonijiet sinifikanti għal, u se jkompli bl-isforzi tiegħu dwar:

- il-kejl tal-progress lejn il-miri tal-Protokoll ta' Kyoto b'evalwazzjonijiet iktar preċiżi u rilevanti tal-gassijiet li għandhom effett negattiv fuq l-ożonu u l-benchmarking ta' l-Ewropa ma' reġjuni oħrajin tad-dinja;
- l-iżvilupp ta' indikaturi ta' prestazzjoni għal politika dwar il-bijodiversità, speċjalment għall-implementazzjoni ta' Natura 2000, il-mira tas-sena 2010 biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u l-konnessjoni għal politika settorjali;
- l-appoġġ għal ħtiġijiet ta' l-ispazju ta' inizjattivi Ewropej u globali li jinkludu strateġiji tematiki dwar l-ambjent tal-baħar u tal-ħamrija;
- l-iżvilupp iktar fil-fond ta' l-Eurowaternet, in-network Ewropew li josserva l-ilma biex jappoġġja r-rappurtaġġ għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ilma u direttivi oħrajin u l-implementazzjoni ta' sistema ta' tagħrif dwar l-ilma għall-Ewropa;
- l-evalwazzjoni ta' l-espożizzjoni pubblika dwar proddoti li jniġġsu l-arja;
- l-evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali u ekonomiku ta' perikli naturali u teknoloġiċi;
- l-evalwazzjonijiet tal-flussi ta' skart u materjal biex jappoġġjaw l-isforz biex jitnaqqas il-ħolqien ta' l-iskart, u s-separazzjoni ta' l-użu tar-riżorsi mit-tkabbir ekonomiku.



Eionet evolva b'mod konsiderevoli matul l-ewwel 10 snin tiegħu. Issa jinsab lest biex jadotta l-istruttura tiegħu għal temi u prioritajiet li qed jinbidlu. Permezz ta' Eionet, pajiżi membri ta' l-EEA qed jaħdmu lejn viżjoni ta' attitudni aktar effiċċenti u integrata lejn it-tagħrif dwar l-ambjent fl-Ewropa. L-appoġġ

għall-evalwazzjoni u l-iżvilupp tal-politika ambjentali permezz ta' shubji u tagħrif maqsum ma' oħrajin, kif muri bħala eżempju mill-Eionet, hu mudell li kien ta' suċċess u li jista' jiġi esportat lejn, u jgħin biex jgħaqqa, partijiet oħrajn tad-dinja.

# Istituzzjonijiet ta' I-NFPs

## Pajjiżi membri ta' I-EEA

### L-Awstrija

Umweltbundesamt (UBA)  
<http://www.umweltbundesamt.at/>

### Il-Belġju

Intergewestelijke Cel voor Leefmilieu (IRCEL)  
<http://www.irceline.be/>

### Il-Bulgarija

Executive Environment Agency  
<http://nfp-bg.eionet.eu.int/ncesd/index.html>

### Ċipru

Ministry of Agriculture, Natural Resources and Environment  
<http://www.cyprus.gov.cy/>

### Id-Danimarka

National Environmental Research Institute (NERI)  
<http://www.dmu.dk/>

### Il-Estonja

Estonian Environment Information Centre  
<http://www.keskkonnainfo.ee/>

### Il-Finlandja

Finnish Environment Institute  
<http://www.ymparisto.fi/>

### Franza

Institut Français de l'Environnement (IFEN)  
<http://www.ifen.fr/>

### Il-Ġermanja

Umweltbundesamt (UBA)  
<http://www.umweltbundesamt.de/>

### Il-Greċċa

Ministry for the Environment, Physical Planning and Public Works  
<http://www.minenv.gr/>

### L-Irlanda

Environmental Protection Agency  
<http://www.epa.ie/>

### L-Islanda

Environment and Food Agency  
<http://www.ust.is/>

### Il-Isvezja

Swedish Environmental Protection Agency  
<http://www.naturvardsverket.se/>

### L-Italja

Agenzia per la Protezione dell'Ambiente e per i Servizi Tecnici (APAT)  
<http://www.apat.gov.it/>

### Il-Latvja

Latvian Environment Agency  
[http://www.varam.gov.lv/varam/P\\_inst/Elva.htm](http://www.varam.gov.lv/varam/P_inst/Elva.htm)

### Il-Liechtenstein

National Office for Forests, Nature and Landscape  
<http://www.llv.li/amtstellen/llv-awnl/llv-awnl-home.htm>

### Il-Litwanja

Environmental Protection Agency  
<http://aaa.am.lt/VI/>

### Il-Lussemburgu

Ministère de l'Environnement  
<http://www.environnement.public.lu/>

### Malta

Malta Environment and Planning Authority  
<http://www.mepa.org.mt/>

### In-Norveġja

Norwegian Pollution Control Authority  
<http://www.sft.no/>

### L-Olanda

National Institute of Public Health and Environmental Protection  
<http://www.rivm.nl/>

### Il-Polonja

Chief Inspectorate for Environmental Protection  
<http://www.gios.gov.pl/>

# Istituzzjonijiet ta' l-NFPs

## **Il-Portugall**

Institute of Environment  
<http://www.iambiente.pt/>

## **Ir-Renju Unit**

Department for Environment, Food and Rural Affairs (DEFRA)  
<http://www.defra.gov.uk/>

## **Ir-Repubblika Ċeka**

Czech Environmental Institute  
<http://www.ceu.cz/>

## **Ir-Repubblika Slovakka**

Slovak Environmental Agency  
<http://www.sazp.sk/>

## **Ir-Rumanija**

Ministry of Waters and Environmental Protection  
<http://www.mappm.ro/>

## **Is-Slovenja**

Environment Agency of the Republic of Slovenia  
<http://www.arso.gov.si/>

## **Spanja**

Ministerio de Medio Ambiente  
<http://www.mma.es/>

## **It-Turkija**

Ministry of Environment  
<http://www.cevre.gov.tr/>

## **L-Ungaria**

Ministry of Environment and Water  
<http://www.ktm.hu/>

## **Pajjiżi kooperaturi ta' l-EEA**

### **L-Albanija**

Ministry of Environment  
<http://www.managenergy.net/actors/A2291.htm>

### **Il-Kroazja**

Croatian Environment Agency  
<http://www.azo.hr/default.asp>

### **Il-Bosnja u Hercegovina**

Federal Ministry for Physical Planning and Environment  
<http://www.fmpuiio.gov.ba/>

### **Monaco**

Bureau de la Coopération Internationale  
<http://www.gouv.mc/>

### **L-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

Ministry of Environment and Physical Planning  
<http://www.moepp.gov.mk/default-MK.asp>

### **Is-Serbja u Montenegro**

European Integration Office  
<http://www.feio.sv.gov.yu/>

### **L-Isvizzera**

Swiss Agency for the Environment, Forests and Landscape (SAEFL)  
<http://www.umwelt-schweiz.ch/buwal/de/>

България Belgique/België Česká republika Danmark Deutschland Eesti Ελλάδα España  
 France Ireland Island Italia Κύπρος Latvija Liechtenstein Lietuva Luxembourg Magyarország  
 Malta Nederland Norge Österreich Polska Portugal Romania Slovenija Slovenská republika  
 Suomi/Finland Sverige Türkiye United Kingdom България Belgique/België Česká republika  
 Danmark Deutschland Eesti Ελλάδα España France Ireland Island Italia Κύπρος Latvija  
 Liechtenstein Lietuva Luxembourg Magyarország Malta Nederland Norge Österreich Polska  
 Portugal Romania Slovenija Slovenská republika Suomi/Finland Sverige Türkiye United Kingdom  
 България Belgique/België Česká republika Danmark Deutschland Eesti Ελλάδα España  
 France Ireland Island Italia Κύπρος Latvija Liechtenstein Lietuva Luxembourg Magyarország  
 Malta Nederland Norge Österreich Polska Portugal Romania Slovenija Slovenská republika  
 Suomi/Finland Sverige Türkiye United Kingdom България Belgique/België Česká republika

#### **Fejn tmur għal aktar informazzjoni**

##### **EEA:**

<http://www.eea.eu.int/>

##### **Lista ta' NFPs u ETCs:**

[http://org.eea.eu.int/organisation/nfp-eionet\\_group.html](http://org.eea.eu.int/organisation/nfp-eionet_group.html)

##### **Infrastruttura ta' I-Eionet u għoddha:**

<http://www.eionet.eu.int/>

##### **Reportnet:**

<http://www.eionet.eu.int/reportnet.html>

##### **Strateġija ta' I-EEA:**

<http://org.eea.eu.int/documents/strategy.pdf>

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent  
 Kongens Nytorv 6  
 1050 Copenhagen K  
 Id-Danimarka

Tel: +45 33 36 71 00  
 Fax: +45 33 36 71 99

Sit fuq l-Internet: [www.eea.eu.int](http://www.eea.eu.int)  
 Mistoqsijet: [www.eea.eu.int/enquiries](http://www.eea.eu.int/enquiries)

ISBN 92-9167-746-9



9 789291 677467



Publications Office

